**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**
**(SEDE KOSTITUZZJONALI)**

**Illum 25 ta' Gunju, 2025**

**Rikors Ġuramentat Nru: 618/2022 AF**

**Cutajar Rita mart Joseph Cutajar**

**vs**

**Avukat tal-Istat**

**u**

**Josephine Figallo**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors kostituzzjonali tar-rikorrenti Rita Cutajar, li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

Ir-rikorrenti hija l-proprjetarja tal-fond, 238, 'William', Triq San Tumas, il-Fgura, li hija akkwistat permezz ta' Kuntratt ta' Donazzjoni, datat l-erbatax (14) ta' Novembru tas-sena elfejn (2000), in atti n-Nutar Dottor Anthony Gatt, minghand missierha, William Wait. Anness il-Kuntratt ta' Donazzjoni u mmarkat Dok. 'A'.

Il-fond in kwistjoni ppervjena lir-rikorrenti kif jirrizulta mill-istess att ta' donazzjoni u l-fond in kwistjoni mhux fond dekontrollat kif jirrizulta mid-Dok. 'B' hawn anness.

L-imsemmi fond ilu mikri lill-intimata, Josephine Figallo minn Frar tas-sena 1973 bil-kera ta' **Lm110.00c** fis-sena, wara li kien gie hekk lokat mill-antekawza tar-rikorrenti, ossia missier ir-rikorrenti, William Wait, illum defunt, u llum bil-kera ta' **€290.36c** fis-sena ai termini tal-Att X tal-2009, b'awmenti ta' kull tlett snin skond l-indici tal-gholi tal-hajja.

Kif inghad fil-paragrafu precedenti, l-kera li l-intimata, Josephine Figallo qeghda thallas a tenur tal-ligi jammonta ghal **€290.36c** fis-sena, meta l-valur lokatizju tal-fond fis-suq huwa ferm u ferm aktar minn dak stabbilit bid-disposizzjonijet tal-Kap. 69 tal-Ligijiet ta' Malta, liema disposizzjonijet gew mibdula bi ftit bl-Att X tal-2009.

L-inkwilina Figallo, ilha tokkupa ghal zmien twil taht titolu ta' kera stabbilit u mizmum taht id-dispozizzjonijiet ta' Kap. 69, tal-Ligijiet ta' Malta, senjatament taht artikolu 3, u kif ukoll flimkien mad-dispozizzjonjiet tal-Att X ta-2009, taht artikolu 1531C ta' Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghalhekk l-intimata baqghet tgawdi kirja sfurzata fuq is-sid u thallas biss kera irrizorja ta' **€290.36c** fis-sena, ossia l-kera massima li jipprospetta artikolu 1531C ta' Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, minghajr ma nzamm il-proporzjon bejn id-drittijiet tas-sid

u dawk tal-inkwilin. Il-kera li thallas l-inkwilina, Figallo, bla dubbju ta' xejn, hi kera baxxa, u dan meta jigi kkunsidrat dak li verament il-proprjetà tista' ggib fis-suq miftuh.

Huwa stat ta' fatt illi fid-dispozizzjonjiet tal-Kapitolu 69 tal-Ligijiet ta' Malta, u dan qabel id-dhul fis-sehh tal-Att XXIV tal-2021, taha d-dritt lill-inkwilina, *qua* intimata, Josephine Figallo li tibqa' tghix fil-fond fuq citat u dan minkejja li skada t-terminu lokatizju, b'kera irrizorja li ma tirriflettix is-suq u lanqas izzomm bilanc bejn id-drittijiet tas-sid u dawk tal-inkwilin, bl-uniku awment ikun dak skont ir-rata tal-inflazzjoni kif tigi ddeterminata mill-Awtoritajiet Governattivi. Dan kollu wassal ghal relazzjoni forzata bejn is-sid u l-inkwilin ghall-perjodu indefinit.

Ghalhekk ir-rikorrenti giet mcahhda mit-tgawdija tal-proprjetà taghha ghal dawn is-snin kollha, minghajr ma qatt inghatat kumpens xieraq talli gie spussessata mill-istess fond. Ghalhekk b'dan kollu r-rikorrenti giet ipprivata mill-proprjetà taghha bi ksur tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

Il-hlas baxx ta' kera, l-incertezza tat-tehid lura tal-proprjetà, in-nuqqas ta' proceduri li jissalvagwardjaw lis-sidien, zieda fl-gholi tal-hajja f'Malta tul dawn l-ahhar snin, u kif ukoll l-interferenza sporzjonata bejn id-drittijiet tas-sidien u dawk tal-inwilini ikkrejaw piz eccessiv fuq ir-rikorrenti.

Ghalhekk ir-rikorrenti, fl-umli fehma taghha, ssostni li nkisru d-drittijiet taghha li hemm sanciti fl-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropeja u konsegwentement ghandha d-dritt li tircievi kumpens a tenur tal-Artikolu 41 tal-Konvenzjoni Ewropeja, u dan stante illi giet mcahhda, minghajr ma inghatat kumpens gust ghat-tgawdija tal-proprjetà taghha.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi minhabba l-Kapitolu 69 tal-Ligijiet ta' Malta kif applikabbli qabel id-dhul fis-sehh tal-Att XXIV tal-2021, inkluz tal-artikolu 3 tal-istess Kapitolu fil-ligi, u/jew stante li Att X tal-2009 kiser id-drittijiet tar-rikorrent ghat-tgawdija tal-proprjetà taghha tal-fond, 238, 'William', Triq

San Tumas, il-Fgura, bi vjolazzjoni tal-Ewwel Artikolu u tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropeja (l-Ewwel Skeda tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta);

2. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-intimat l-Avukat tal-Istat huwa responsabbli ghall-kumpens u danni, li jinkludu danni non-pekunarji, li r-rikorrenti sofriet b'konsegwenza tal-operazzjonjiet tal-ligijiet fuq citati fit-talba precedenti, u dan ai termini tal-Artikolu 41 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem;

3. Tillikwida l-istess kumpens u danni bil-hatra ta' periti nominandi;

4. Tikkundanna lill-Avukat tal-Istat ihallas l-istess kumpens u danni likwidati ai termini ta' Artikolu 41 tal-Konvenzjoni Ewropeja;

5. Taghti dawk ir-rimedji kollha meqjusa xierqa.

Bl-ispejjez u l-imghaxijiet legali kontra l-intimati li minn issa huma ngunti in subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta tal-intimat Avukat tal-Istat, li permezz tagħha eċċepixxa illi:

Preliminarjament, ir-rikorrenti trid iggib prova sodisfacenti tat-titolu taghha ghall-fond in kwistjoni.

Minghajr pregudizzju ghas-suespost, ir-rikorrenti trid iggib prova li l-kirja in kwistjoni f'dawn il-proceduri hi verament imharsa mill-Kap. 69 tal-Ligijiet ta' Malta.

Minghajr pregudizzju ghas-suespost, u fil-mertu, l-esponent jikkontendi li ma kien hemm ebda ksur tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll stante li fil-kaz odjern sar biss kontroll fl-uzu tal-proprjetà in kwistjoni fil-parametri ta' dak permessibbli taht dan id-dritt fundamentali.

Fi kwalunkwe kaz, l-allegazzjonijiet u pretensjonijiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

Ir-rikorrenti m’ghandhiex ragun tqajjem l-artikolu 41 tat-Trattat tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, stante illi dan l-artikolu jghodd biss ghall-orgnani gudizzjarji tal-Kunsill tal-Ewropa u mhux ghall-Qrati Maltin. Kemm hu hekk, dan l-artikolu tat-Trattat ma jifformax parti mill-ligi Maltija ghaliex mhuwiex inkluz fit-tifsira ta’ “Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fondamentali”, kif riprodotta fl-artikolu 2 tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta’ Malta u lanqas ma gie traspost fil-ligi domestika skond l-artikolu 3(3) tal-Kap. 304 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ir-rikorrenti ma tistax tippretendi kumpens anke ghaz-zmien li l-antekawza taghha kienu proprjetarji tal-fond stante illi d-drittijiet fundamentali huma fihom infushom drittijiet personali u ma jistghux jigu trasferiti.

Minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponent jikkontendi li jekk din l-Onorabbli Qorti tqis li sehh ksur tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll, dan il-ksur jista’ jissustixxi biss bejn l-14 ta’ Novembru 2000 sal-31 ta’ Mejju 2021 u cioè mid-data tal-akkwist tal-proprjetà sal-ahhar data qabel id-dhul fis-sehh tal-Att XXIV tal-2021.

Bl-ispejjez.

Rat ir-risposta tal-intimata Josephine Figallo, li permezz tagħha eċċepiet illi:

Preliminarjament, ir-rikorrenti ghandha ggib prova tat-titolu taghha ghall-fond il-kwistjoni.

Ukoll preliminarjament fir-rigward tal-proceduri odjerni, il-konvenuta Josephine Figallo, ma tistax titqies li hija l-legittima kontradittrici f’din il-kawza kostituzzjonali, u dana peress li din hija materja kostituzzjonali, u per konsegwenza hija biss materja bejn cittadin li jhossu aggravat minn ligi/sitwazzjoni partikolari u l-istat, u fl-ebda hin il-konvenuta Josephine Figallo ma setghat tikkaguna dak li qieghed jinghad mis-sidien - l-unika haga li

ghamlet il-konvenuta Josephine Figallo kienet li osservat il-ligijiet vigenti tal-kera.  Il-konvenuta ma tistax titqies li kienet jew hija l-kagun tal-lanjanzi kostituzzjonali tar-rikorrenti, u *ergo* bl-ebda mod ma tista' taghtiha rimedju ghaliha.  Ghalhekk, il-konvenuta ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.

Preliminarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-fatt li l-konvenuta Josephine Figallo mhijiex il-legittima kontradittrici huwa rifless ukoll fit-talbiet, fejn jirrizulta li l-ebda talba tas-sid rikorrenti ma hija diretta lejn il-konvenuta Josephine Figallo, imma lejn l-ordni legislattiv tal-istat Malti.  Ghalhekk il-konvenuta ghandha tigi estromessa minn din il-kawza, stante li ser tkun qed twiegeb ghal proceduri dwar ligijiet vigenti li hija ma ghandha ebda kontroll fuqhom, *ergo* il-vessatorjetà tal-kawza fil-konfront tal-konvenuta.

Preliminarjament, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, fir-rigward tar-referenza kostituzzjonali, il-konvenuta topponi l-allegazzjonijiet kif avvanzati mis-sid tal-fond numru 238, William, Triq San Tumas, Fgura ("il-Fond") u tirrileva li ma sehh l-ebda ksur *da parte* taghha tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem fil-konfront taghhom ai termini tal-Ewwel (1) Artikolu tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropeja (l-Ewwel Skeda tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta).

Ma jezistux il-kawzali ta' zgumbrament stante li l-konvenuta dejjem aderixxiet ruhha skruplozament mal-obbligi tal-kirja inkluz li l-konvenuta dejjem hallset il-kera skont il-ligi.

Ir-rikorrenti digà ntavolat proceduri quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera (Rik. Nru. 376/2021 NB) fl-ismijiet Rita Cutajar vs Josephine Figallo, liema proceduri gew decizi nhar it-28 t'Ottubru, 2022 (kopja tas-sentenza hawn annessa u mmarkata bhala **Dokument A**) minn fejn irrizulta li l-konvenuta tissodisfa l-kriterji tad-dhul u tal-kapital tat-test tal-mezzi  u ghaldaqstant tikkwalifika ghall-protezzjoni shiha tal-ligi vigenti tal-kera.

L-allegazzjonijiet tas-sidien kif dedotti huma infondati fil-fatt u fid-dritt in kwantu l-fond in kwistjoni huwa okkupat fuq bazi legali ai termini tal-Kap. 69 tal-Ligijiet ta' Malta, liema Kap. 69 ghadu fis-sehh u jifforma parti mill-Ligijiet ta' Malta.  Mhux biss, imma

l-istess Kap. 69 ghadu kif gie emendat bl-Att Nru XXIV tal-2021, fejn permezz ta' artiklu 4A, sid il-kera ghandu jkun intitolat jipprezenta rikors quddiem il-Bord fejn jitlob li l-kera jigi rivedut ghal ammont li ma jeccedix it-tnejn fil-mija (2%) fis-sena tal-valur liberu u frank fis-suq miftuh tad-dar ta' abitazzjoni fl-1 ta' Jannar tas-sena li matulha jigi prezentat ir-rikors u sabiex jigu stabbiliti kondizzjonijiet godda fir-rigward tal-kera. Din l-emenda ghall-Kap. 69 iddahlet proprju sabiex l-inkwilin ikompli jgawdi mill-protezzjoni li jaghtih Kap. 69.

Il-konvenuta qieghda tokkupa l-fond b'titolu validu ta' lokazzjoni skont il-ligi.

Il-provvedimenti tal-Kap. 69 ma jipprivawx lis-sid mill-proprjetà taghha u ma jikkostitwixxux tehid forzuz tal-proprjetà jew tehid obbligatorju izda kontroll ta' uzu ta' proprjetà fil-parametri tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni Ewropea.

Sabiex jinghad li kien hemm tehid sforzuz jew obbligatorju, jehtieg li persuna tigi zvestita minn kull dritt li ghandha fuq il-proprjetà, meta fil-kaz odjern l-istat sempliciment irregolarizza sitwazzjoni socjali fl-ambitu tal-gid komuni, minghajr però ma gew ippregudikati d-drittijiet tas-sid *qua* proprjetarji tal-fond *de quo*.

Ai termini tal-proviso tal-Artikolu 37(1) tal-Kostituzzjoni, il-Parlament jista' jistabilixxi l-kriterji li ghandhom jitharsu, tenut kont tal-fatturi u c-cirkostanzi kollha, sabiex jigi ffissat il-kumpens li ghandu jithallas fuq il-proprjetà.

Il-konvenuta tishaq li ma ghandha tidhol fl-ebda spiza f'din il-litigazzjoni bejn is-sid rikorrenti u l-Istat, u minn issa qeghda zzomm lir-rikorrenti responsabbli ghall-ispejjez kollha li ghamlet u li ghad ikollha taghmel, kif ukoll izzommha responsabbli ghat-tbatija fizika, psikologika u morali li qieghda tidhol fiha minhabba din il-kawza. Jekk din hija verament kawza purament kostituzzjonali, il-konvenuta setghet facilment tithalla barra mill-gudizzju.

Jekk hemm kumpens dovut mill-Istat, dan ghandu jkun limitat ghaz-zmien li r-rikorrenti saret sid tal-fond, u cioè mill-14 ta' Novembru 2000.

Ghaldaqstant u in vista tas-suespost, il-konvenuta titlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti sabiex joghgobha billi ssib li inizjalment li l-konvenuta m'hijiex il-legittima kontradittrici, izda u f'kull kaz, li ma hemm l-ebda lezjoni tad-drittijiet fundamentali tas-sid rikorrenti ai termini tal-artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea, u li ghalhekk il-konvenuta ma ghandhiex tigi kkundannata ghall-hlas ta' xi kumpens jew ta' xi danni jew ta' xi imghaxijiet, u wisq anqas m'ghandiex tbati l-ispejjez ta' din il-kawza, tant li fit-talbiet taghha r-rikorrenti qed titlob l-kumpens u danni unikament mill-Avukat tal-Istat.

Salv eccezzjonijiet ohra, jekk ikun il-kaz.

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tar-rikorrenti in subizzjoni.

Rat ukoll illi fl-udjenza tal-15 ta' Marzu 2023, il-Qorti ħatret lill-Perit Mario Cassar bħala perit tekniku sabiex tħejji stima tal-valur lokatizju tal-proprjetà mis-sena 2000 sas-sena 2022 b'intervalli ta' ħames snin.

Rat ir-relazzjoni teknika li ġiet ikkonfermata bil-ġurament tal-istess perit fl-14 ta' Ġunju 2023.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet kollha.

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat illi permezz ta' din il-kawża r-rikorrenti qegħda tffittex illi tikseb dikjarazzjoni illi d-disposizzjonijiet tal-Kap. 69 senjatament l-Artikoli 3, 4 u 4A tiegħu huma leżivi tad-dritt tagħha għat-tgawdija tal-proprjetà kif dan il-jedd jinsab imħares ai termini tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea Dwar il-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fondamentali. Għalhekk ir-rikorrenti qegħda titlob illi tingħata dawk ir-rimedji opportuni sabiex jagħmlu tajjeb għal

vjolazzjoni minnha lamentata inkluż billi tiġi kumpensata għal tali vjolazzjoni.

In linea preliminari, l-intimat Avukat tal-Istat eċċepixxa illi r-rikorrenti għandha tagħmel il-prova tat-titolu tagħha fuq il-fond mertu ta' din il-kawża. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu imbagħad iddikjara li mhuwiex sodisfatt mill-prova li tressqet f'dan ir-rigward għaliex fil-fehma tiegħu din il-prova ma turix li r-rikorrenti rċeviet il-piena proprjetà tal-fond fl-indirizz 238, William, Triq San Tumas, Fgura. Il-Qorti ma taqbilx ma' din is-sottomissjoni għaliex mill-kopja tal-kuntratt ta' donazzjoni tal-14 ta' Novembru 2000 fl-atti tan-Nutar Dottor Anthony Gatt jidher illi r-rikorrenti akkwistat "il-piena proprjetà" tal-imsemmi fond. In ogni każ, apparti li l-intimata kkonfermat li tħallas il-kera lir-rikorrenti, fatt dan li impliċitament ifisser li l-inkwilin qiegħed jirrikonoxxi lir-rikorrenti *qua* sid, kawżi ta' din ix-xorta ma jirrikjedux il-prova tat-titolu bhal kieku kienu kawzi ta' dikjarazzjoni ta' titolu fuq l-immobbli. Abbażi ta' dak illi jirriżulta mill-atti l-Qorti hija sodisfatta li r-rikorrenti hija l-proprjetarja tal-fond *de quo*.

L-intimat Avukat tal-Istat eċċepixxa illi għandha ssir il-prova li l-kirja hija tassew regolata permezz tal-provvedimenti tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu l-Avukat tal-Istat jisħaq li din il-prova baqgħet ma saritx. Waqt li huwa minnu li in atti ma tressqitx prova tal-kirja, fix-xhieda tagħha r-rikorrenti tgħid li l-post ilu mikri lill-intimata Figallo sa mis-sena 1973. Dan il-fatt ikkonfermatu l-istess intimata fl-affidavit tagħha. Il-Qorti tinsab għalhekk sodisfatta li l-kirja *de quo* hija tassew regolata ai termini tal-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-intimata Figallo eċċepiet illi mhijiex leġittima kuntradittriċi għat-talbiet tar-rikorrenti. Illum il-ġurnata hija ġurisprudenza assodata illi f'kawżi bħal ma hija dik tal-lum l-inkwilin għandu jkun parteċipi mhux għaliex finalment sejjer iwieġeb hu għat-talbiet tar-rikorrenti iżda unikament għall-fini tal-ekonomija tal-ġudizzju u sabiex jiddefendi l-pożizzjoni tiegħu stante illi r-rimedju li talvolta tista' takkorda l-Qorti jista' jolqot id-drittijiet u l-pretensjonijiet tal-inkwilin.

L-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni huwa mibni fuq tlett prinċipji kardinali u cioè: (i) għandu jkun hemm it-tgawdija paċifika tal-proprjetà; (ii) il-privazzjoni minn possedimenti hija soġġetta għall-kondizzjonijiet; u (iii) l-Istat għandu l-jedd illi jikkontrolla l-użu tal-proprjetà skont l-interess ġenerali[1].

Id-dritt tal-Istat illi jfixkel it-tgawdija tal-proprjetà hija eċċezzjoni u f'kull każ dan it-tfixkil irid ikun kompatibbli mal-prinċipji tal-legalità, tal-għan leġittimu fl-interess ġenerali u tal-bilanċ ġust bejn l-esiġenzi tal-interess ġenerali tal-komunità u l-ħtieġa tal-ħarsien tad-drittijiet fundamentali tal-individwu [2]. M'hemmx dubju illi r-regolamentazzjoni *ope legis* tal-kera tikkostitwixxi kontroll fl-użu tal-proprjetà taċ-ċittadin privat.

Lanqas ma jista' jingħad illi s-sitwazzjoni tjiebet bid-dħul fis-seħħ tal-emendi għall-Kap. 16 permezz tal-Att X tal-2009 għaliex xorta rriżulta sproporzjon bejn l-awment fil-kera skont l-artikolu 1531Ċ tal-Kap. 16 u l-valur lokatizju tal-fond fis-suq ħieles[3].

In kwantu d-dħul fis-seħħ tal-Att XXIV tal-2021, waqt illi l-Qrati tagħna llum jirrikonoxxu li s-sidien għandom rimedju ordinarju li jinkludi *sia* l-awment fil-kera kif ukoll l-iżgumbrament tal-inkwilin mill-proprjetà, xorta waħda jibqa' l-fatt illi dan ma jsewwix vjolazzjonijiet imġarrba fil-passat[4].

M'hemmx dubju għalhekk illi r-rikorrenti ġarrbet ksur tad-dritt tagħha għat-tgawdija ta' ħwejjiġha kif dan id-dritt huwa mħares taħt l-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea.

---

[1] James and Others v. the United Kingdom, 21 February 1986, § 37; Sporrong and Lönnroth v. Sweden, 23 September 1982, § 61; Broniowski v. Poland, 22 ta' Ġunju 2004, § 134; **Bosphorus Airways v. Ireland (2005)**

[2] Lithgrow and Others v United Kingdom, tat-8 ta' Lulju 1986 QEDB Curmi v Malta, 22 ta' Novembru 2011, § 3; Sporrong & Lönnroth, (ċitat supra) §§ 69-74; Amato Gauci v Malta, tal-15 ta' Settembru 2009; Brumărescu v. Romania 29th April 2013, § 78; James and Others vs The United Kingdom, 21st February 1986, § 50; Mellacher and Others vs Austria, 19 ta' Diċembru 1989, § 48; Spadea and Scalabrino v. Italy, 28 ta' Settembru 1995, § 33; Immobiliare Saffi v. Italy, 28 ta' Lulju 1999, § 54; Hutten-Czapska v Poland, 19 ta' Ġunju 2006, § 223; Vincent Curmi noe et vs Avukat Ġenerali et, Qorti Kostituzzjonali, 24 ta' Ġunju 2016; Josephine Briffa et vs L-Avukat tal-Istat et, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali), 12 ta' Novembru 2021; Maria Concetta sive Connie Caruana Gatto vs Avukat tal-Istat et, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali), 29 t'April 2021

[3] Aquilina v Malta, 11 ta' Diċembru 2014

[4] Avukat Dottor Iana Said et vs Avukat Ġenerali et, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 30 ta' Ottubru 2019; Henry Deguara Caruana Gatto et vs L-Avukat tal-Istat et, Qorti Kostituzzjonali, 23 ta' Novembru 2020

Stabbilit illi r-rikorrenti ġarrbet ksur tad-drittijiet fundamentali tagħha, għandha dritt għal rimedju pekunjarju li għandu jiġi stabbilit skont il-kriterji stabbiliti mill-Qorti Ewropea fis-sentenza Cauchi vs Malta kif segwita mill-Qorti Kostituzzjonali f'Malta. Għalkemm ir-rikorrenti talbet rimedju ai termini tal-Artikolu 41 tal-Konvenzjoni, din id-disposizzjoni ma tapplikax għall-każ tal-lum peress illi l-Artikolu 41 ma ġiex traspost fil-liġi domestika tagħna.

Il-pretensjoni tar-rikorrenti ġiet limitata għall-perjodu mis-sena 2000 sas-sena 2022 madanakollu, din il-pretensjoni għandha tiġi limitata ulterjorment dan għaliex ma jistax jittieħed in konsiderazzjoni perjodu taż-żmien wara l-1 ta' Ġunju 2021 u dan peress illi kif fuq ingħad id-dħul fis-seħħ tal-Att XXIV tal-2021 ntroduċa rimedju għal-lanjanza tar-rikorrenti u għalhekk ma fadalx aktar lok illi jiġi akkordat kumpens għall-perjodi ta' żmien wara l-imsemmija data.

Għalhekk, abbażi tal-linji gwida mogħtija fis-sentenza ta' Cauchi vs Malta, il-kumpens għandu jiġi kkalkolat billi mill-valur tal-fond fis-suq isir:

i. Tnaqqis ta' 30% bħala kumpens għall-għan leġittimu tal-liġi attakkata;
ii. Tnaqqis ulterjuri ta' 20% in kumpens għall-fatt li ma teżisti ebda garanzija li l-fond sejjer ikun mikri b'dak il-valur fis-suq għall-perijodu kollu;
iii. Tnaqqis tal-kera perċepita mis-sid.

Għall-iskop illi tiddetermina u tillikwida kumpens il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni l-valuri mogħtija mill-Perit Tekniku. Qieset ukoll il-kera perċepita li tammonta għas-somma komplessiva ta' €5,990.44. Hawnhekk tajjeb jingħad illi in atti ma ġewx preżentanti riċevuti tal-kera għall-perjodu kollu in kwistjoni b'tant illi meta għamlet il-konteġġi tagħha l-Qorti waslet għal ammont ferm inqas minn dak dikjarat mir-rikorrenti fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha. Għalhekk, il-Qorti sejra tibbaża ruħha fuq l-ammont indikat mir-rikorrenti anki għaliex hija l-fehma tagħha li l-erarju pubbliku m'għandux jitgħabba b'piżijiet żejda waqt li r-rikorrenti ma ħaqqiex tiġi kumpensata doppjament.

In kwantu l-Likwidazzjoni tad-Danni Pekunjarji għaż-żmien mis-sena 2000 sal-1 ta' Ġunju 2021, is-somma komplessiva tammonta għal €69,125[5]. Minn din is-somma irid isir tnaqqis ta' 30% li jwassal għaċ-ċifra ta' €48,387.50 minn liema somma jrid isir tnaqqis ulterjuri ta' 20% li jwassal għas-somma ta' €38,710. Mis-somma ta' €38,710 trid titnaqqas is-somma ta' €5,990.44. Dan iwassal għas-somma ta' €32,719.56 liema somma trid titħallas lir-rikorrenti *qua* danni pekunjarji.

Kwantu għad-danni non-pekunjarji, in linea mal-ġurisprudenza l-aktar riċenti tal-Qorti Kostituzzjonali, il-Qorti qegħda tillikwida d-danni non-pekunjarji fis-somma ta' €8,000.

Għalhekk l-ammont totali ta' €40,719.56 irid jitħallas lir-rikorrenti mill-intimat Avukat tal-Istat.

Għalhekk u ghal dawn ir-raguniiet, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi filwaqt li tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-intimati sa fejn kompatibbli ma' dak li ingħad:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara illi bit-tħaddim tad-disposizzjonijiet tal-Kapitlu 69 tal-Liġijiet ta' Malta, senjatament l-Artikoli 3, 4 u 4A tiegħu, inkisru d-drittijiet tar-rikorrenti kif dawn jinsabu mħarsa ai termini tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

2. Tilqa' it-tieni talba in parte u tiddikjara li l-Avukat tal-Istat huwa responsabbli għal-leżjoni minnha mġarrba.

3. Tilqa' l-bqija tat-talbiet u waqt illi tillikwida kumpens fis-somma komplessiva ta' erbgħin elf seba' mija u dsatax-il ewro u sitta u ħamsin ewro ċenteżmi (€40,719.56), tikkundanna lill-Avukat tal-Istat iħallas l-ammont likwidat lir-rikorrenti.

[5] €9,870 (2000 sa 2004 = €1,974 x 4 snin) + €12,835 (2005 sa 2009 = €2,567 x 5 snin) + €16,695 (2010 sa 2014 = €3,339 x 5 snin) + €21,720 (2015 sa 2019 = €4,344 x 5 snin) + €5,650 (2020) + €2,355 (Jannar sa Ġunju 2021 = €5,650 ÷ 12 = €471 x 5)) = €69,125

L-ispejjeż jitħallsu mill-Avukat tal-Istat.

IMHALLEF

DEP REG